Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,779, 4 ta' Frar, 2022

Taqsima B

A.L. 63 tal-2022

ORDINANZA LI TNEĦĦI L-KONTROLL TAD-DJAR (KAP. 158)

Indiċi tal-Inflazzjoni għas-Sena 2021

BIS-SAĦĦA u għall-finijiet tal-artikolu 13 tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika stabbilixxa l-indiċi tal-inflazzjoni għall-2021 bħala 892.51 bi tkomplija mal-Iskeda li tinsab mal-imsemmija Ordinanza. Dan jirrappreżenta żieda ta' 1.50 fil-mija mill-2020.